**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta’ Jannar 2021

Rikors Numru: 2/18 AL

**A B C**

**vs**

**L-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati b’Digriet tat-30 ta’ April 2018 sabiex jirraprezentaw lil D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

*1. Illi r-rikorrent u l-intimata kellhom relazzjoni u frott tal-istess relazzjoni, nhar l-14 ta’ Settembru 2014 twieldet il-minuri F C E kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri anness mal-ittra ta’ medjazzjoni li għal finijiet ta’ prattiċita’ permezz ta’ rikors li qiegħed jiġi intavolat kontestwalment ma’ din il-*

[1] Fol. 1-28.

*kawża, qed jintalab li l-proċess relattiv ta' medjazzjoni jiġi allegat mal-proċeduri odjerni;*

*2. Illi l-minuri F C E ilha tirrisjedi mar-rikorrent sa' minn Ġunju 2017 b'dan li l-intimata, tul dawn ix-xhur kollha għadha qatt ma marret tara lil bintha. L-unika kuntatt li għamlet l-intimata mar-rikorrent f'dawn l-aħħar xhur kien meta l-minuri kienet ma tiflaħx u naturalment ma marritx skola u l-iskola għamlu kuntatt mal-intimata għaliex kellhom id-dettalji tagħha. L-intimata, kellmet lir-rikorrent u stqarret li riedet terġa' tipprova tibni relazzjoni ma' bintha iżda dan kien biss kliem fieragħ għaliex minn Ġunju 2017 sal-ġurnata li qiegħda tiġi intavolata l-kawża odjerna f'Jannar 2018, l-intimata baqgħet qatt m'għamlet xi tentattiv biex tara lil bintha minkejja li naturalment taf fejn tgħix;*

*3. Illi l-istess intimata tgħix ħajja instabbli għall-aħħar b'dan li mhux l-ewwel darba li fiż-żmien li kien għad hemm xi forma ta' kuntatt bejn il-partijiet kienet issemmi li tixtieq taqbad kollox u temigra barra minn Malta;*

*4. Illi fil-verita' l-istess intimata m'għandhiex relazzjoni mal-minuri tant li l-omm u l-istess bint ilhom ma jaraw lil xulxin għal xhur sħaħ (minn Ġunju 2017) u dan mhux għax ir-rikorrent żammha jew għamel xi aġir biex iżommha milli tagħmel kuntatt imma għax fil-verita' l-intimata m'għandha ebda interess f'bintha. Tant hu hekk li l-istess intimata lanqas biss attendiet għas-sessjonijiet ta' medjazzjoni preċedenti għal din il-kawża kif jirriżulta mill-proċess ta' medjazzjoni stess li qiegħed jintalab li jiġi allegat mal-atti tal-kawża odjerna;*

*5. Illi minkejja l-fatt li l-intimata hija konxja mill-fatt li l-minuri tgħix mar-rikorrent missierha u li jkun hu li esklussivament jieħu ħsieb lill-istess minuri u jassigura li ma jonqosha xejn, l-istess intimata ma tagħmel ebda pagament ta' manteniment versu bintha jew għall-anqas tikkontribwixxi b'xi mod għall-bżonnijiet tal-istess bint. Mhux biss, talli minkejja dan kollu hija l-intimata li preżentement qiegħda tipperċepixxi ċ-children's allowance u kull benefiċċju relattiv għall-istess minuri meta l-istess minuri ilha xhur tgħix mar-rikorrent missierha;*

*6. Illi l-intimata m'hijiex idoneja sabiex tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri. Min-naħa l-oħra r-rikorrent missierha huwa idoneju sabiex ikun legalment fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri u sabiex ikun awtorizzat jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-istess minuri ad esklużjoni tal-*

*intimata kif wara kollox ilu jagħmel għal dawn l-aħħar xhur u kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;*

*7. Illi r-rikorrent qiegħed jagħti ħajja tajba u serena lill-istess minuri f'Malta u għalhekk huwa fl-aħjar interess tal-istess minuri li tali sitwazzjoni tiġi kristallizzata permezz ta' sentenza u kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;*

*8. Illi l-minuri tixtieq tibqa' tgħix mar-rikorrent missierha li jagħmel minn kollox għall-istess minuri u jassigura li ma jonqosha xejn;*

*9. Illi mhux biss huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li r-rikorrent ikun fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri F C E imma wkoll li l-intimata tiġi żvestita mill-awtorita' ta' ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' disposizzjonijiet oħra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;*

*10. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrent jiġi awtorizzat sabiex japplika għall-passport tal-minuri mingħajr il-firma tal-intimata u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;*

*11. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrent jiġi awtorizzat isiefer flimkien mal-minuri mingħajr il-firma, kunsens jew awtorizazzjoni da parti tal-intimata u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;*

*12. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setgħetx isseħħ proprju għaliex l-intimata qatt ma attendiet għas-sessjonijiet u seduti ta' medjazzjoni u kien proprju għalhekk li permezz ta' digriet datat is-6 ta' Novembru 2017 ir-rikorrent ġie debitament awtorizzat sabiex jintavola l-kawża odjerna (ara Dok. A hawn anness);*

*Għaldaqstant, tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1) *Tiddikjara u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F C E f'idejn ir-rikorrent missier b'mod esklussiv;*

2) *Tordna li r-residenza tal-istess minuri F C E għandha tkun mar-rikorrent missierha;*

3) *Tisvesti lill-intimata mill-awtorita' tal-ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' disposizzjonijiet oħra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita' tal-ġenitur*

*esklussivament f'idejn l-istess rikorrent A B C sabiex ikollu d-dritt, responsabbilita' u awtorita' li jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha ordinarji u straordinarji għal bintu minuri inkluż dawk għat-trobbija, edukazzjoni, saħħa u reliġjon tiegħu fl-aħjar interess tat-tifel b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhirlu xierqa u opportuni;*

4) *Tiffissa u tillikwida somma adegwata għall-manteniment għall-minuri, liema manteniment għandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u saħħa tal-istess minuri stante n-nuqqas ta' komunikazzjoni u interess da parti tal-intimata;*

5) *Tordna lill-intimata sabiex tħallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrent f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrent f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull erba' ġimgħat;*

6) *Tawtorizza lir-rikorrent sabiex tali manteniment hekk likwidat jinqata' direttament mill-paga tal-istess intimata jew minn xi dipartiment jew entita' li mingħandha jirċievi xi forma ta' introjtu u / jew benefiċċju;*

7) *Tawtorizza lir-rikorrent sabiex japplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-intimata;*

8) *Tawtorizza lir-rikorrent sabiex isiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri mingħajr il-firma, awtorizazzjoni jew il-kunsens tal-intimata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-riferta negattiva tal-25 ta' Jannar 2018 rigward in-notifika tar-rikors, digriet u l-avviz ta' smigħ tal-kawza odjerna lil D E, fejn l-Uffiċċjal tal-Qorti iddikjara illi *"Ġejt mgħarraf minn omm ir-raġel, G C, li D E m'għadhiex toqgħod f'din id-dar"*;[2]

Rat ir-rikors tal-attur ta' nhar it-3 ta' April 2018, fejn talab lil Qorti sabiex joġgħobha taħtar Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil konvenuta fl-atti kollha relattivi,[3] liema talba ġiet akkolta minn din il-Qorti permezz tad-digriet datat 5 ta' April 2018;[4]

[2] Fol. 11.
[3] Fol. 17.
[4] Fol. 26.

Rat id-digriet tal-25 ta' April 2018, fejn il-Qorti nnominat lil Avukat Benjamin Valenzia u lil Prokuratur Legali Melissa Anastasi bħala kuraturi;[5]

Rat ir-riferta tat-2 u tat-3 ta' Awwisu 2018, fejn l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi, rispettivament, ġew notifikati bl-avviz jew il-verbal tal-kawza odjerna;[6]

Rat ukoll ir-riferta tal-20 ta' Awwissu 2018, fejn l-Avukat Benjamin Valenzia ġie notifikat bir-rikors tal-attur;[7]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati,[8] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti u għal dan il-għan jitolbu illi jingħataw l-aħħar dettalji magħrufin ta' D E inkluz (indirizz, mobile number u mezzi oħra li bihom tista' tiġi kkuntattjata D E).*
2. *Għandhom jinħatru dawk l-esperti indipendenti sabiex jistabbilixxu huma l-idoneata o meno ta' D E bħala omm u jiġi evalwat anki l-missier għal dan il-għan.*
3. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessibbli skont il-liġi (speċjalment fil-kaz ta' kuraturi deputati li ma humiex edotti mill-fatti).*

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati in rapprezentanza tal-konvenuta;

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavit tal-attur u d-dokumenti esebiti miegħu, u l-kontro-ezami tal-attur fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

[5] Fol. 27.
[6] Fol. 32.
[7] Fol. 31.
[8] Fol. 33.

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

***L-Azzjoni Odjerna:***

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawza odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien izda qatt ma kienu mizzewġin, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri F C E. Il-partijet kienu jgħixu flimkien bħala familja, izda darba fost l-oħrajn l-attur telaq jgħix għand il-ġenituri tiegħu filwaqt li l-konvenuta telqet għal rieħha. Il-minuri spiċċat tgħix esklussivament mal-attur, fejn dan qiegħed jrabbiha u jindukraha mingħajr ebda għajnuna da parti l-omm. Ma huwiex magħruf fejn tinsab l-konvenuta, tant illi kellhom jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentawha f'dawn il-proċeduri. Sa minn Ġunju 2017, l-konvenuta qatt ma kellha rapport mal-minuri, għajr għal darba minħabba li ġew involuti rapprezentanti tal-iskola fejn tattendi l-minuri. Tenut kont ta' dan in-nuqqas ta' involviment tal-konvenuta f'ħajjet il-minuri u kif ukoll nuqqas ta' responsabbilita' bħala ġenitur illi tieħu ħsieb, tmantni u teduka lil minuri, l-attur intavola din il-kawza sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri F C E tiġi regolata permezz ta' deċizjoni ġuddizjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attur *in primis* qiegħed jitlob li l-konvenuta tiġi zvestita mill-awtorita' ta' ġenitur skont l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentament huwa jitlob li jiġi fdat b'mod esklussiv bil-kura u kustodja tal-minuri F C E, bint il-partijiet li twieldet nhar il-14 ta' Settembru 2014. Għaldaqstant, l-attur, fi kliem brevi, jrid illi huwa waħdu jkollu s-setgħa ta' ġenitur tal-minuri, fejn ikollu l-awtorizzazzjoni li jieħu d-deċizjonijiet kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji, filwaqt li jitlob li jingħata manteniment adegwat għal minuri, id-dritt li japplika għal passaport tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenuta u l-fakolta' li jsiefer mal-minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenuta.

***Il-Verzjoni tal-Attur:***

L-attur jipprezenta affidavit fejn jiġi replikat dak li kien diġa' ppremetta fir-rikors ġuramentat tiegħu. L-attur jaċċena illi meta l-konvenuta telqet mill-fond fejn kienu qegħdin jgħixu flimkien, din abbandunat lil minuri mingħajr ma qatt

ppruvat tara jew tittenta tikkomunika mal-minuri. L-attur ikompli billi jippreċiza illi kien hemm okkazjoni waħda fejn il-konvenuta għamlet kuntatt mal-attur, u ċjoe' meta l-minuri kienet ma tiflaħx, u dan wara li kienu għamlu kuntatt magħha rapprezentanti tal-iskola. F'din l-okkazjoni ta' darba, l-konvenuta stqarret mal-attur li riedet tipprova tibni relazzjoni mal-minuri, liema kliem irrizulta fieragħ. Għaldaqstant il-minuri ilha ma tara jew tikkomunika ma' ommha għal tlett snin u nofs, u l-konvenuta qatt ma pprovdiet xi forma ta' manteniment għal bzonnijiet tal-minuri.

Minħabba tali attitudni da parti l-konvenuta, l-attur jirrileva li l-konvenuta ma hijiex idoneja sabiex tkun fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, stante li *"tgħix ħajja nomada, dejjem iddur minn post għall-ieħor tant li nitlef il-kuntatt u m'għandi ebda idea fejn tinsab u fuq kollox hi imprevedibbli u mhux ta' min jorbot fuqha"*. L-attur ikompli jgħid illi *"D tgħix ħajja instabbli għall-aħħar b'dan li mhux l-ewwel darba li anke fiz-zmien meta kien għad hemm xi forma ta' kuntatt bejnietna kienet issemmi li tixtieq taqbad kollox u temigra barra minn Malta"*, liema aġir fil-fehma tal-attur juri li l-konvenuta *"tant hi impulsiva li ma tafx x'inhuma l-konsegwenzi tal-aġir tagħha. Li kieku kien hekk, zgur li ma kienetx tabbanduna lit-tifla bil-mod li għamlet għaliex kieku kienet tirrealizza l-ħsara li tali abbandun kellu fuq l-istess tifla"*. Filfatt l-attur jiddeskrivi lil konvenuta bħala *"mara (jew aħjar tifla) moħħ ir-riħ u li ma trid bl-ebda mod tassumi r-responsabbiltajiet ta' omm"*. Sabiex jikkonstata l-abbandun tal-konvenut versu l-minuri, l-attur jipprezenta kopja tar-rapport lil Pulizija datat 22 ta' Ġunju 2017.

Min-naħa l-oħra u minħabba tali nuqqas da parti l-konvenuta, l-attur jisħaq li huwa kellu jassumi rwol ta' missier u omm f'daqqa, fejn qiegħed jipprovdi lil bintu ħajja serena b'tali mod li ma jkun jonqosha xejn. Sabiex jikkorrobora dan, l-attur jipprezenta sett ta' ritratti li jistabbilixxu l-ħajja tal-minuri mal-missier. In vista ta' dan, l-attur jirrileva li hu fl-interess suprem tal-minuri li s-sitwazzjoni tal-minuri tiġi regolata permezz ta' sentenza fejn il-Qorti tieħu rendikont tal-attitudni taz-zewġ ġenituri u tenforza dak li huwa idoneju fiċ-ċirkostanzi bl-intiza li l-interessi tal-minuri ikunu salvagwardjati. B'hekk skont l-attur, il-Qorti għandha tieħu ħsieb li tara dak li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi rigward il-kura, kustodja, l-awtorita' ta ġenitur, manteniment, passaport, safar u t-tehid tad-deċizjonijiet kwotidjani u dawk iktar importanti tal-minuri.

***Il-Verzjoni tal-Konvenuta:***

Il-Qorti tinsab sprovvista mill-verzjoni tal-konvenuta u dan stante li minkejja l-kuraturi deputati għamlu kuntatt magħha, din xorta waħda għazlet li ma tweġibx. Għaldaqstant, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-konvenuta, iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jresqu.

***Prinċipji Legali:***

Fir-rigward ta' <u>*kura u kustodja*</u>, minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. F'dan listadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **M. B vs Onor J. Raynaud** fejn ġie dikjarat li *"Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal".*[9] Magħdud ma' dan, u b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**, ġie ritenut li *"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal",*[10] liema prinċipju għadu jiġi applikat mill-Qrati nostranza, bħal per ezempju fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**[11] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks.**[12] F'dan l-istadju huwa wkoll ta' importanza li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*[13]

Fir-rigward ta' <u>*setgħa tal-ġenitur*</u>, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

---

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[10] Deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[11] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[12] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza. Magħdud ma' dan, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri." Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur 1i jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*
*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Fir-rigward ta' *manteniment*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

***Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:***

L-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba ghall-kura u kustodja eskluzziva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, izda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bzonnjuz u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluz mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jittrabbew bħala iltiema minkejja li għandhom iz-zewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika zejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi sforz tali aġir,

ikunu l-ġenituri stess li jagħżlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni krudili, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għozza li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sintezi tal-kaz odjern, fejn l-konvenuta għal raġuni mhux magħrufa għazlet li tabbanduna lil minuri u tisparixxi minn ħajjitha f'eta' daqshekk tenera.

Skont id-dikjarazzjoni tal-attur, il-partijiet kellhom xi problemi bejniethom, u għazlu li ma jibqgħux jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf. Jingħad li verzjoni tal-attur dwar meta u kif telqu mill-fond li fih kienu qegħdin jgħixu l-partijiet, ma hijiex waħda konsistenti.[14] Madanakollu, dak li huwa zgur u li dwaru l-Qorti tinsab moralment konvinta huwa l-fatt li l-konvenuta għazlet li tabbanduna lil bintha għal snin sħaħ. Il-fatt li l-konvenuta ma attendietx għas-seduti tal-medjazzjoni u rrifjutat li tkellem lil kuraturi deputati dwar il-kawza nnifisha juru

---

[14] Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid ili f'Ġunju 2017 l-konvenuta telqet mill-appartament li kienu qegħdin jgħixu fih u sabiex jiġi kkorraborat l-istess l-attur jipprezenta rapport lil Pulizija ta' nhar it-22 ta' Ġunju 2017. F'dan ir-rapport lil Pulizija, l-attur rrapporta illi hu u l-konvenuta kienu jirrisjedu flimkien fil-fond *"C Flats, Flat 2, Triq l-Għoljiet, Mellieħa"* u madwar xahrejn qabel ir-rapport (ċjoe' għal April) huma beda jkollhom xi problemi bejniethom tant li l-attur iddeċieda li jitlaq mid-dar u jmur jgħix mal-ġenituri tiegħu. Madanakollu l-minuri F C E jidher li ħalliha mal-konvenuta għaliex sussegwentament rrapporta illi l-minuri marret tgħix miegħu ġimgħa qabel ma' sar ir-rapport (ċjoe' f'nofs Ġunju). Ġie rrappurtat ukoll li l-konvenuta telqet mill-fond hawn fuq imsemmi nhar id-19 ta' Ġunju 2017 u ma għandux idea fejn marret. Min-naħa l-oħra u fil-kontro-ezami tiegħu ta' nhar it-30 ta' Jannar 2020, l-attur jirrispondi b'tali manjiera differenti:

"Dr Benjamin Valenzia: *Naqblu wkoll i inti kont tlaqt mill-post wara li kien hemm xi dizgwid bejnietkom u ħadt it-tifla u mort tgħix għand il-ġenituri tigħek, naqblu?*

Xhud: *Il-post huwa tal-papa tiegħi; allura meta jiena tlaqt hi telqet ukoll. Hi marret għal rieħha; jiġifieri jien ma għandix idea fejn marret, u jien mort mal-ġenituri tiegħi ovvjament għax għandi izjed sapport milli kieku qiegħed waħda.*

Dr Benjamin Valenzia: *Voldieri, għax forsi ma ħarġitx ċara fl-affidavit, meta inti tlaqt mill-post tal-Mellieħa li issa qed tgħid li huwa tal-papa' tiegħek, dakinhar stess hi telqet ukoll voldieri?*

Xhud: *Iva*

…

Dr Benjamin Valenzia: *Voldieri kontu ftehmtu flimkien li titilqu mill-post?*

Xhud: *Mhux ftehmna. Jiena tlaqt mal-ġenituri tiegħi u mbagħad in the next morning..*

Dr Benjamin Valenzia: *Inti kif taf?*

Xhud: *In the next morning ovvjament jiena mort niċċekkja l-post għax il-post huwa ta' proprjeta' tagħna*

Dr Benjamin Valenzia: *All right, u sibtu battal voldieri?*

Xhud: *U sibt li hi ma għadhiex hemm.*".

biċ-ċar l-intendiment tal-konvenuta fir-rigward tal-minuri. Dan ikompli jikkonferma l-verzjoni tal-attur, illi l-konvenuta m'għandhiex il-minimu interess versu l-minuri, meta din fil-verita' għandha tkun waħda mill-prijoritajiet f'ħajjitha.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tinnota li għalkemm l-attur ezebixxa r-rapport lil Pulizija dwar l-abbandun tal-konvenuta u kif ukoll numru ta' ritratti sabiex juri lil Qorti li l-minuri qiegħda tgħix ħajja tajba u serena mal-missier, huwa jonqos milli jressaq prova dwar xi tentattivi min-naħa tiegħu fejn prova jikkomunika mal-konvenuta bl-intiza li jifthemu dwar l-interessi tal-minuri, u dan għal ġid tal-minuri stess. Huwa mifhum illi l-konvenuta hija persuna li ma tistgħax torbot fuqha u impulsiva, izda l-attur huwa iktar matur u rasu fuq għonqu. Għaldaqstant, jekk l-attur jaf ben ċar x'inhi l-konvenuta u li m'hijiex tal-kelma, x'waqfu milli jagħmel pass u jipprova jikkomunika mal-konvenuta dwar il-minuri? Dan il-pass da parti l-attur kellu *se mai* jkun neċessarju f'tali sitwazzjoni sabiex tiġi eskluza b'mod definit il-possibilita' li l-konvenuta terġa' tibni relazzjoni mal-minuri.

Il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-attur, imma f'ġieħ l-interessi tal-minuri, huwa seta' dejjem jipprova jissuġġerixxi *a sua sponte* lil konvenuta sabiex tikkomunika u tara lil minuri. Fil-fatt il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-attur ma kellux l-iċken idea dwar fejn marret il-konvenuta wara li din telqet mil-fond li fih kienu qegħdin jgħammru flimkien u baqa' sal-prezent mingħajr għarfien dwar fejn tinsab. Madanakollu, l-attur fl-ebda waqt ma stqarr li l-konvenuta bidlet in-numru taċ-ċellulari jew li ma sabhiex fuq il-*platforms* tal-midja soċjali. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-opinjoni li sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri fit-totalita' tagħhom, u dan tenut kont illi l-konvenuta hija *'moħħ ir-riħ'*, l-attur seta' jegħleb ir-rabja u d-dispjaċir versu l-attriċi u minnflok baqa' jistenna lil konvenuta li tagħmel pass versu l-minuri, huwa seta' jipprova jikkuntatja lil konvenuta hu stess permezz ta' telefonati jew messaġġi fuq in-numru ċellulari tagħha, messaġġi fuq is-*social platforms* bħal *Facebook, Instagram* jew *Twitter,* liema minnhom kellha jew għad għandha l-konvenuta, jew inkella forsi tramite xi indirizz eletroniku. Dan l-aġir seta' jkun idoneju fiċ-ċirkostanzi odjerni għaliex kien jissodisfa lil Qorti illi l-attur mhux biss ħa ħsieb li l-minuri ma jonqosha xejn materjalment, izda ukoll ħa ħsieb li jipprova jikkomunika mal-konvenuta sabiex din terġa' tinvolvi ruħha f'ħajjet il-minuri, u dan qabel ma jistitwixxi l-proċeduri odjerni bl-intiza li l-omm tiġi totalment eskluza minn ħajjet il-minuri.

Minkejja dan, il-Qorti tissottolineja illi bl-ebda mod ma qiegħda tipprova tiskredita x-xogħol u l-impenn tal-attur matul dawn l-aħħar snin bħala missier, izda sempliċiment ipprovdiet osservazzjoni tagħha li bħala awtorita' imparzjali għandha l-obbligu li tagħti. Fil-verita' il-Qorti tirrikonoxxi u tfaħħar l-aġir tal-attur, liema aġir jikkontradixxi l-istigma mnaqqxa fis-soċjeta' Maltija li l-missierjiet huma dawk li dejjem jonqsu u jweġġgħu lil uliedhom, bil-konsegwenza li l-omm tiġi dejjem meqjusa bħala l-unika ġenitur li tbati, li ssofri, li toffri, li tħobb, li tipprovdi u tagħti l-appoġġ lil uliedha. Il-Qorti għandha għal qalbha ferm dawk il-missierijiet bħall-attur, li għal zmien twil ma ġewx rikonoxuti, izda minkejja s-sitwazzjonijiet li tagħtihom il-ħajja, is-sofferenzi u n-nuqqas ta' kompliċita' mill-ġenitur l-ieħor, huma dejjem ikunu lesti li jipproteġu lil uliedhom akkost ta' kollox. Il-Qorti tinsab perswaza illi l-attur pprova jimla' z-zarbun ta' zewġ ġenituri bl-aħjar mod li seta' u dan sabiex jara li l-minuri ma jkun jonqosha xejn. Għaldaqstant mill-provi prodotti u nonostante kull osservazzjoni tagħha stess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri F C E tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attur A B C, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala d-dar tiegħu.

Fir-rigward tas-setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tirrileva li mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtorita' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' *se mai* tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta.

Fid-dawl tal-provi kollha miġbura, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta abbandunat lil bintha u ħalliet lill-attur jfendi waħdu biex jmantni u jgħajjex lill-istess minuri, il-Qorti hija tal-fehma li hekk kif il-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attur, is-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fih biss, b'dana illi l-konvenuta tiġi zvestita mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan

konsegwentament ifisser illi l-attur qiegħed jingħata l-awtorita' neċessarja sabiex jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attur permezz ta' tali sentenza għandu l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenuta, huwa għandu jieħu dawk id-deċizjonijiet versu l-minuri u jsiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attur qiegħed jiġi ukoll awtorizzat illi japplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenuta, b'dana illi l-istess passaport għandu jinzamm dejjem u biss fil-pussess tal-attur.

Magħdud mal-premess u tenut kont illi l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi mal-missier, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għal minuri. Fid-dawl tal-fatt li l-atur m'għandu l-ebda ħjiel dwar fejn tinsab l-konvenuta u *di piu'* l-konvenuta stess naqset milli tikkomunika lura mal-kuraturi deputati dwar il-proċeduri odjerni, l-Qorti m'għandha l-ebda prova rigward l-impjieg u introjtu tal-istess konvenuta. Nonostante dan, il-Qorti xorta waħda sejra tobbliga lil konvenuta sabiex tmantni lil bintha u dan stante li tali obbligu huwa sanċit mil-liġi stess. Il-fatt li l-konvenuta għazlet li taħrab mir-realta', mir-responsabbiltajiet u mill-imħabba ta' bintha, dan m'għandux ifisser illi għandha tiġi ezonerata mill-obbligi tagħha.

Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenuta, tħallas lil attur is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) nhar ta' Ħamis kull erba' ġimgħat għal F C E, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal F C E sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur għan-nom tal-

minuri. Jekk il-minuri tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il sena, dan il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġnijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri F C E għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn il-missier A B C;
2. Tilqa' it-tieni talba u tordna li l-minuri għandha tirrisjedi mal-missier A B C ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala d-dar tiegħu;
3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-konvenuta Eveleyn E tiġi svestita mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentament tiddikjara li l-awtorita' tal-ġenitur tinsab vestita b'mod esklussiv fil-missier A B C, b'dana illi għandu r-responsabbilita' u d-dritt li mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenuta, jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi;
4. Tilqa' r-raba', il-ħames u s-sitt talba u tordna lil konvenuta, tħallas lil attur is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull nhar ta' Ħamis, kull erba' ġimgħat għal F C E, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal F C E sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri

tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur għan-nom tal-minuri, jekk il-minuri tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il sena, dan il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

5. Tilqa' is-seba' talba u tawtorizza lill-attur sabiex japplika għall-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenuta;

6. Tilqa' it-tmien talba u tawtorizza lill-attur isiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenuta.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenuta.